MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 688/2004

**Maltacom p.l.c**
**Vs**
**Alison Kadurand**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet:

Peress skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi telefonici, il-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' t'elef seba' mija u wiehed u hamsin Liri Maltija u erbatax-il centezmu (Lm7751.14) in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri tnejn wiehed tlieta wiehed wiehed zero tnejn wiehed (21311021) u tnejn wiehed tlieta wiehed zero disa' sitta wiehed (21310961) numru tal-kont erbgha zero zero zero zero disgha disgha hamsa (40000995) liema servizz kien provdut fil-fond 30, Triq Mattew Pulis, Gzira, skond il-prospett hawn anness u markat bhala "Dok A";

Peress illi l-konvenuta interpellata biex thallas baqghet inadempjenti;

Peress illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

Tghid il-konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' t'elef seba' mija u wiehed u hamsin Liri Maltija u erbatax-il centezmu (Lm7751.14)

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta, li min issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat ta' tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------